# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru 2001

**Numru**

**Citaz. numru: 303/93 E1 NA**

**Joseph Vella f'ismu u bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti w amministratur tal-beni parafernali ta' martu Jane Vella**

**vs**

**Salvu Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni fejn peress li l-attur kellu fil-pussess tieghu l-ghalqa "Tar-Rub" fil-Bahrija, limiti tar-Rabat, minn liema ghalqa huwa gie zgumbrat mill-konvenut;

Illi waqt li l-ghalqa kienet f'idejn l-attur, huwa ghamel benefikati fiha konsistenti fil-kostruzzjoni ta' bir u tahwil ta'

sigar tal-valur komplessiv ta' seba' mija u tlieta u sittin lira (Lm763) kif jirrizulta mill-anness Dok. A;

Illi l-attur ghandu dritt skond il-ligi li jithallas ghal dawn il-benefikati, li halla fl-ghalqa u li qed jibbenefika minnhom il-konvenut;

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas l-ammont imsemmi naqas li jaghmel dan;

TALAB li din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u tlieta u sittin lira (Lm763) dovuta ghar-raguni fuq imsemmija.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru nru 460/93 tat-3 ta' Marzu, 1993 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-presenti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Salvu Micallef li eccepixxa:-

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju stante li kif jirrizulta minn proceduri quddiem din l-istess Onorabbli Qorti (diversament ippresjeduta) b'talbiet simili ghal danni, gja intavolati inter alia mill-istess attur (Citazzjoni numru 684/91 JSP - fi-ismijiet 'Joseph Vella f'ismu u bhala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti w amministratur tal-beni parafernali ta' martu Jane Vella vs Salvatore Micallef, deciza fil-5 ta' Ottubru, 1992). l-attur ma kienx agixxa sempliciment f'ismu proprio kif qieghed jaghmel fil-prezenti proceduri;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li mhux minnu li l-attur ghamel xi allegati benefikati fl-ghalqa "Tar-Rub", fil-Bahrija, limiti tar-Rabat, liema allegati benefikati jikkwalifikaw ghal xi forma ta' kumpens skond il-Ligi;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, it-talbiet attrici huma inkompleti stante li skond il-ligi l-konvenut jista' jitlob li tali jew almenu xi whud minn tali allegati benefikati jigu rimossi a spejjez tal-istess attur;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, fl kwalunkwe kaz, l-ammont kemm fi kwantita' ta' partiti ta' allegati benefikati w multo magis fil-likwidazzjoni ex parte ta' tali allegati benefikati, huma ezagerati;

5. Salve eccezzjonljiet ulterjuri."

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Mejju 1993 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-attur ghal korrezzjoni fic-citazzjoni u kull fejn jokkorru billi wara l-isem tal-attur Joseph Vella jidhlu l-kliem "f'ismu u bhala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu Jane Vella", u ordnat il-korrezzjoni relattiva.

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Novembru 1994, fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Tekniku lill-AIC Rene Buttigieg, bil-fakoltajiet soliti bhala perit tekniku.

Rat ir-rikors tal-Perit Tekniku AIC Rene Buttigieg pprezentat minnu fit-3 ta' Novembru 1997, fejn spjega li meta huwa gie nnominat minn din l-Onorabbli Qorti, inghata l-fakoltajiet kollha soliti, bhala perit tekniku.  Illi pero' waqt li l-perit tekniku kien qieghed jirredigi r-relazzjoni huwa nnota li f'seduta

rninnhom il-partijiet kienu ivverbalizzaw is-segwenti ***'il-partijiet, billi n-nomina tal-perit tekniku hija ampja, jaqblu li l-peril*** *tekniku* ***jaghmel rikors sabiex fih jitlob li l-inkarigu tieghu jkun lirnitat ghall-valutazzjoni tal-allegati benefikati.'*** Illi ghalhekk il-perit tekniku qieghed igib it-talba tal-partijiet ghall-konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u jitlob direzzjoni minghandha.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru, 1997 fejn ordnat li in vista tal-verbal, f'dan l-istadju l-perit ghandu jillimita l-inkarigu tieghu kif verbalizzat.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku AIC Rene Buttigieg, mahluf fit-12 ta' Dicembru 1997. Fir-rapport tieghu, il-perit tekniku, wara li acceda fuq il-post darbtejn, kkonkluda illi huwa jaqbel illi l-valur tas-sigar u dwieli fis-somma ta' Lm95 kif pretiz mill-attur huwa ekwu u gust. Rigward ix-xoghol fuq il-bir jew giebja esegwit mill-attur fil-1987 skond hu kien jiswa hames mija, tlieta u erbghin lira Maltija (Lm543) u mhux sitt mija, tmienja u sittin lira Mallija (Lm668) kif pretiz mill-attur skond lis-stima tal-perit ex parte tieghu Charles Buhagiar. Illi ghalhekk, fir-rapport tieghu, il-perit tekniku jikkonkludi illi t-talba attrici ghal-kumpens, li tammonta ghal Lm763.00 ghandha tigi ridotta,

bhala stima biss, fis-somma ta' Lm638.00.

Ikkunsidrat:-

Illi r-rapport tal-perit tekniku huwa limitat biss ghar-rigward tal-korrettezza o meno ta' l-istima tal-benefikati (thawwil ta' 19-il sigra, u kostruzzjoni ta' bir/giebja), li ghamel l-attur. L-inkarigu tal-perit tekniku kien gie limitat ghal dan mill-Qorti stess.

Illi allavolja l-perit tekniku naqqas ftit mill-ammont mitlub mill-attur, dan rremetta ruhu ghar-rapport fis-seduta tas-16 ta' Marzu 1998.

Ikkunsidrat:

Il-kawza kienet giet differita ghall-ezami tar-rapport bil-hin proprju ghal din is-seduta fejn la dehru l-konvenut u anqas id-difensur tieghu kif, del resto, ma dehrux fid-diversi seduti ohra fejn f'din il-kawza kellha tinghata s-sentenza.

Illi jidher li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet sorvolata meta saret it-talba ghall-korrezzjoni fic-citazzjoni mill-attur, u l-Qorti

laqghet din it-talba. Rigward ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut, il-perit tekniku proprju fuq hekk irrelata.

Illi in kwantu ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenut mill-istess relazzjoni jirrizulta illi dawn il-benefikati saru u gew innotati mill-perit tekniku fl-ewwel access illi ghamel fl-1995 u ghalhekk hemm l-indebitu favur l-atturi. Mill-banda l-ohra l-konvenut qatt ma ssostanzja din l-eccezzjoni kif ma ssostanzjax it-tielet eccezzjoni f'dik il-grad ta' prova rikjesta mil-ligi u dana minkejja x-xhieda moghtija minnu quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-11 ta' Jannar 1994 u x-xhieda minnu mressqa permezz ta' Affidavits ta' Charles u Grezzju Micallef ipprezentati bin-nota tieghu tat-22 ta' Frar 1994. Di piu', fil-fehma tal-Qorti, dawn il-benefikati ma kienux benefikati li setghu gew rimossi mill-attur.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitt mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm638) dovuti ghar-ragunijiet imsemmija fil-premessi citattivi u dana bl-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba. L-imghax legali pero' jiddekorri

biss millum stante illi l-ammont mitlub kien, kif irrizulta, wiehed *da liquidarsi*.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.

]